# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' April 2000

**Numru 7**

**Citaz. numru 479/91 DS**

Avukat Dottor Keith Bonnici bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Husqvarna Sewing Machines AB
vs
Adrian Busietta ghan-nom u in rapprezentanza ta' Pye Rentals Ltd

Illum, 7 ta' April 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-25 ta' April 1991 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi l-konvenut nomine huwa debitur lejn is-socjeta' attrici fis-somma ta' Krona Svedizi wiehed u tletin elf u mija u tmienja u sittin (SEK 31168.00) liema somma hija ekwivalenti ghal elf u sitt mija u tmien liri u hamsa u ghoxrin centezmu u hames millezmi (Lm1608.25,5) - kif mahduma skond ir-rata tal-kambju tal-10 ta' April 1991 Lm1=SEK19.38 - liema somma tirrapresenta valur ta' biljett negozjabbli firmata mis-socjeta' konvenuta u skaduta fil-25 ta' Ottubru 1987.

Illi din is-somma hija certa, likwida u skaduta u fil-fehma tal-attur nomine, il-konvenut nomine m'ghandux eccezjonijiet x'jaghti kontra din it-talba attrici ghal-hlas tal-imsemmija somma.

Illi l-konvenut nomine gie interpellat sabiex ihallas dan id-debitu pero' baqa' inadempjenti.

talab lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi li:-

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispenza mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12; u

2. tikkundanna l-konvenut nomine li jhallas lill-attur nomine is-somma ta' Krona Svedizi wiehed u tletin elf u mija u tmienja u sittin (SEK 31168.00) liema somma hija ekwivalenti ghal elf u sitt mija u tmien liri u hamsa u ghoxrin centezmu u hames millezmi (Lm1608.25,5) - kif mahduma skond ir-rata tal-kambju tal-10 ta' April 1991 Lm1 = SEK19.38 - jew somma ohra verjuri liema tirrapresenta valur ta' biljetti negozzjabbli firmata mis-socjeta' konvenuta u skaduta fil-25 ta' Ottubru 1987.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u bl-imghax mid-data tal-iskadenza relativa kontra l-konvenut nomine li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal illi:

1. Preliminarjament l-attur nomine ghandu jipprova il-Mandat tieghu u l-konvenut nomine jirriserva li jecepixxi ulterjorment dwar dan;

2. L-azzjoni attrici hija inammissibli u improponibbli stante illi l-kambjala ma gietx protestata;

3. Fil-mertu ghalkemm huwa minnu illi l-konvenut nomine accetta l-biljett l-istess socjeta' konvenuta hija kreditur tas-socjeta' attrici f'ammont akbar minn dak pretiz mill-attur nomine u dan in konsegwenza ta' servicing fuq magni tal-hjata li huwa dovut kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazjoni tal-kawza u skond ma jirrizulta wkoll fil-kontrotalba li qed issir fl-Atti ta' din il-kawza u kontestwalment ma din in-Nota ta' Eccezzjonijiet;

Rat il-kontrotalba tal-konvenut nomine fejn qal illi:

Minhabba r-relazzjonijiet kummercjali ezistenti bejniethom ghal dawn l-ahhar bejn ghaxra u hmistax il-sena, is-socjeta' konvenuta kienet obbligata mis-socjeta' attrici illi taghti lill-klijent u konsumatur li jixtri l-prodott tal-Husqvarna garanzija ta' ghaxar snin, dwar liema termini u modalita' tal-garanzija jigi spjegat ahjar u ulterjorment fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

Illi skond il-ftehim u arrangament bejn il-partijiet l-ispejjez u l-izborzi ta' tali garanziji kellhom ikunu a kariku tas-socjeta' attrici rikonvenuta;

Illi hemm diversi spejjez u zborsi dovuti lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici rikonvenuta li ma thallsux ghalkemm l-istess socjeta' konvenuta giet mitluba thallas;

talbu lil din il-Qorti:-

1. tiddikjara okkorrendo illi s-socjeta' attrici rikonvenuta hija obligata thallas lis-socjeta' attrici l-ispejjez u l-isborsi tal-garanzija fuq il-magni tal-hjata Husqvarna kif inghad;

2. tillikwida l-ammont dovut sallum in konsegwenza ta' tali garanziji;

3. tikkundanna lill-istess socjeta' attrici rikonvenuta thallas lis-socjeta' konvenuta l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-attur nomine li hu ingunt ghas-subizzjoni u bir-riserva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi inkluza dik dwar spejjez futuri dwar garanziji li ghadhom mhux inkorsi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur nomine ghall-kontrotalba tal-konvenut nomine fejn qal illi:

Illi preliminarjament, il-kontrotalba tal-konvenut nomine m'hijiex ammissibli fil-kawza odjerna u ghandha tigi sfilzata minn din l-Onorabbli` Qorti stante illi l-azzjoni odjerna tal-attur nomine tinkwadra ruhha fuq pagament ta' kambjala.

Illi preliminarjament, ghaldaqstant il-kontrotalba tal-konvenut nomine m'hijiex proponibbli ai termini tal-artikolu 396 tal-Kapitolu 12 peress illi din il-kontrotalba ma ghandha ebda konnessjoni mal-pagament tal-kambjala mitluba mill-attur nomine.

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjonijiet, it-talbiet tal-konvenut nomine ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress illi ma kien hemm ebda ftehim maghmul bejn il-partijiet kif allegat minnu fuq il-garanziji tal-prodotti tal-marka Husqvarna.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-14 ta' Gunju 1991 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Grech bhala perit biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fl-14 ta' Jannar 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Fl-ewwel lok il-Qorti se tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine fejn qal li l-attur nomine ghandu jipprova l-mandat tieghu u rrizerva li jeccepixxi ulterjorment dwar dan. Fil-fatt fis-seduta peritali tas-16 ta' Gunju 1992 Dr. Keith Bonnici esebixxa kopja ta' prokura specjali li giet immarkata Dok. D, liema prokura giet rilaxxata fit-2 ta' Ottubru 1990 mis-socjeta` estera Husqvarna Sewing Machines AB favur erba' avukati, inkluz l-istess Dr. Keith Bonnici, li gew awtorizzati "to act separately and independently one of the other" in konnessjoni mal-kaz odjern. Wara li gie prezentat l-imsemmi dokument, il-konvenut nomine ma ressaq l-ebda eccezzjoni ulterjuri fir-rigward u ghalhekk m'hemm l-ebda konsiderazzjoni li ghandha ghalfejn taghmel il-Qorti salv li takkolji l-imsemmi dokument bhala l-prokura rilaxxata mis-socjeta` mandanti biex jigu inizjati dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet bieghet magni tal-hjata lis-socjeta` konvenuta. Il-biljett negozjabbli Dok. B (a fol. 5 tal-process) iffirmat mis-socjeta` konvenuta u skadut fil-25 ta' Ottubru 1987 ghas-somma ta' 31,168 Krona Svedizi (ekwivalenti ghal Lm1608.25,5 skond ir-rata tal-kambju tal-10 ta' April 1991) jirrapprezenta l-prezz ta' dawn il-magni tal-hjata (kif jidher ukoll mill-invoice Dok. A a fol. 4 tal-process).

Is-socjeta` konvenuta giet interpellata thallas l-ammont in kwistjoni permezz ta' ittri legali tal-1 ta' Gunju 1990 u tal-10 ta' Settembru 1990 u sussegwentement permezz ta' ittra ufficjali tal-11 ta' Ottubru 1990. Is-socjeta` konvenuta tghid li huwa minnu li accettat il-biljett negozjabbli ,

izda ghandha kreditu kontra s-socjeta` attrici kif allegat fil-kontrotalba taghha. Is-socjeta` attrici tikkontesta dan.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali kkonkluda li t-talba attrici timmerita li tigi milqugha u l-kontrotalba michuda. Huwa kkunsidra:

"Illi l-attur gab provi biex juri illi s-socjeta' konvenuta iffirmat biljett negozzjabbli rigward bejgh ta' magni tal-hjata lis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta konvenuta taccetta illi kienet iffirmat dan il-biljett negozzjabbli (ara t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta). Infatti il-konvenut nomine fl-ebda mument ma kkontesta il-validita' o meno tal-biljett negozzjabbli jew kambjala.

Illi l-esponent jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Appell tat-18 ta' Novembru 1987 fl-ismijiet "Peter Azzoppardi vs Raymond Camilleri" fejn ghalkemm annullat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tat-18 t'April 1986 a bazi tal-principju tal-gustazzja naturali "audi alteram partem", iccitat is-sentenza fejn si tratta mill-kwalitajiet tal-kambjali. Dik il-Qorti kienet iddikjarat hekk:

"Infatti hu risaput illi fost il-kwalitajiet specjali li ghandhom il-kambjali hemm dik li l-obbligazzjoni naxxenti mill-kambjali hija min-natura taghha stess **obligazzjoni astratta.** Il-Professur Cremona fin-noti tieghu f'pagna 477 ifisser dan il-koncett *inter alia* b'dan il-kliem:

"The moment a person signs the bill of exchange.....the obligation arising from that signature is considered to be complete in itself; it acquires a juridical existence which is considered separate, distinct and independent from the original and fundamental contract entered into between the parties concerned. The law identifies the obligation created or evinced by its bill with the signature placed thereon. Accordingly, a party to a bill would be liable thereon, not because of any pre-existing obligations, but merely because he did actually sign the bill".

Dana ma jfissirx li l-kambjala tista' tkun mehtiega minghajr konsiderazzjoni jew ghal xi konsiderazzjoni li tkun illecita ghaliex hu risaput illi *fraus omnia corrumpit*. Ifisser li sakemm il-kambjala tinhareg ghal xi raguni li tkun lecita u legali, il-*causa obbligationis*, kif jghid Navarrini "rimane fuori titolo".

Il-kambjala hija wkoll awtonoma fis-sens li ma hijiex dipendenti minn drittijiet ta' haddiehor, hija wkoll inkondizzjonata fis-sens li l-kambjala ma tistax tkun imtaqqla b'kondizzjonijiet ghax inkella l-posizzjoni tal-pussessur tkun ferm prekarja - haga li tmur kontra l-istess skop tal-kambjala."

Illi ghalhekk hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna li kambjala ghandha natura awtonoma u indipendenti mit-transazzjoni li minnha tohrog (ara wkoll "John Portelli noe vs Joseph Sullivan", Kumm. 17 t'Ottubru 1989). Fil-kaz in ezami insibu li l-kambjala in kwistjoni (Dok. B) giet debitament iffirmata mill-konvenut nomine".

Li l-ammont tal-kambjala ma giex imhallas huwa konfermat minn Hadrian Busietta, direttur tas-socjeta` konvenuta, fix-xiehda tieghu tad-9 ta’ Frar 1994 (l-ahhar paragrafu): ‘Ahna dejjem hallasna lis-socjeta` Husqvarna AB u ma hallasniex il-pagament li dwaru hemm il-kwistjoni’.”

Dwar it-tielet eccezzjoni tal-konvenut nomine, il-perit legali jikkummenta li din, bhall-kontrotalba, kienet tesigi li s-socjeta` konvenuta tipprova l-kreditu taghha.

“Izda bix-xiehda ta’ Adrian Busietta tat-28 ta’ Jannar 1993, ta’ Hadrian Busietta tad-9 ta’ Frar 1994 u fl-affidavit ta’ Adrian Busietta tas-17 ta’ Settembru 1996, is-socjeta’ konvenuta allegat biss li (a) jezisti ftehim bejn is-socjeta` konvenuta u s-socjeta` attrici illi l-ispejjez u l-izborsi tal-garanziji ta’ ghaxar snin fuq il-magni tal-hjata Husqvarna kellhom ikunu a kariku tas-socjeta` attrici u illi (b) hija ma ghandha taghti xejn lis-socjeta` attrici ghax is-socjeta` attrici ghandha taghtiha somma akbar.

Illi dan gie kontestat fin-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ l-attur nomine tat-3 ta’ Gunju 1991 u fix-xiehda tieghu tat-30 ta’ Novembru 1992.

Illi ghalhekk kien jinkombi fuq il-konvenut nomine li jgib provi dwar il-ftehim allegat b’dokumenti u x’inhuma l-ispejjez u zborsi allegati bi *breakdown* relattiv u bid-dokumenti necessarji sabiex jigi pruvat dak li jallega. Izda huwa ma ghamel xejn minn dan u ghalhekk il-kreditu allegat mis-socjeta` konvenuta ma giex pruvat.”

Fid-dawl tal-provi migbura l-Qorti hija tal-fehma li l-konkluzjonijiet raggunti mill-perit legali ghandhom jigu adottati u li filwaqt li l-kontrotalba tal-konvenut nomine tigi michuda, it-talba attrici biex il-konvenut nomine jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ Lm1608.25,5 tigi

milqugha. L-imghax, kif tajjeb ukoll ikkonkluda l-perit legali, jithallas mid-data tal-iskadenza tal-kambjala, cioe` mill-25 ta' Ottubru 1987 (ara f'dar-rigward "John Portelli noe vs Leonard Vassallo Cesareo" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru 1996 – Vol. LXXX.ii.947).

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine kif ukoll tichad il-kontrotalba tal-konvenut nomine, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Krona Svedizi wiehed u tletin elf u mija u tmienja u sittin (SEK 31,168) ekwivalenti ghal elf sitt mija u tmien liri Maltin hamsa u ghoxrin centezmu u hames millezmi (Lm1608.25,5) – kif mahduma skond ir-rata tal-kambju tal-10 ta' April 1991 Lm1 = SEK 19.38 – liema somma tirrapprezenta valur ta' biljett negozjabbli firmata mis-socjeta` konvenuta u skaduta fil-25 ta' Ottubru 1987. Bl-imghax mid-data tal-iskadenza u bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

D/REGISTRATUR

ONOR IMHALLEF
DOTTOR DAVID SCICLUNA